MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Talba Numru. 113/2014

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Joseph Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-21 ta' Frar, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf, mitejn tlieta u tletin euro u sittin ċenteżmu ta' euro [€1,233.60] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf mitejn u tlieta u tletin ewro u sittin ċenteżmu (€1233.60) in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija ċellulari 79581411 (AC40166370), liema servizz gie ikkuntrattat permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Jannar 2011.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 2432/12, u bl-imghaxijiet mit-18 ta’ Ottubru, 2012, data tal-imsemmija ittra uffiċjali”.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bejn l-10 u l-14 ta’ Marzu, 2014 u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta’ April, 2014 li permezz taghha ċediet l-atti tal-kawza iżda żammet fermi id-drittijiet u l-ispejjez ta’ l-istess.

Ra li Dr. Ingrid Zammit Young talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza in vista ta’ dak li jiddisponi l-Kapitolu 380, liema talba t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti kienet qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' €1,233.60 rapprezentanti din is-somma servizz ta' kommunikazzjoni, liema somma però thallset mill-istess intimat fil-mori u kien ghalhekk li s-socjeta rikorrenti ppreżentat nota ta' cessjoni iżda żammet fermi d-drittijiet u l-ispejjez taghha.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

3. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat bejn l-10 u l-14 ta' Marzu, 2014 u baqa ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jsib l-ispejjez kollha tal-kawza huma dovuti mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-mertu tat-Talba stante li din ġiet ceduta, qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjez kollha ta' l-istess kif mitlub.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------